31996D0577

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-24 ta' Ġunju, 1996,

dwar il-proċedura ta' attestazzjoni tal-konformità ta' prodotti għall-bini skond l-Artikolu 20(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE dwar dak li għandu x'jaqsam ma' sistemi fissi għat-tifi tan-nar

(test rilevanti għaż-ŻEE)

(96/577/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE tal-21 ta' Di'embru 1988 dwar l-approssimazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar il-prodotti għall-bini [1], kif emendata bid-Direttiva 93/68/KEE [2], u partikolarment l-Artikolu 13(4) tagħha,

Billi bejn iż-żewġ proċeduri msemmija fl-Artikolu 13(3) tad-Direttiva 89/106/KEE dwar attestazzjoni ta' konformità ta' prodott, il-Kummissjoni jeħtiġilha li tagħżel, "il-proċedura l-inqas oneruża possibbli li tkun taqbel mas-sigurtà"; billi dan ifisser li jeħtieġ li jkun deċiż jekk, għal ċertu prodott jew klassi ta' prodotti, l-eżistenza ta' sistema ta' kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika taħt ir-respnsabbiltà tal-manifattur hija kondizzjoni meħtieġa u suffiċjenti għall-attestazzjoni ta' konformità, jew, biex jitħarsu l-kriterji msemmija fl-Artikolu 13(4), hemmx ħtieġa ta' intervent minn korp approvat ta' ċertifikazzjoni;

Billi l-Artikolu 13(4) jitlob li l-proċedura adottata għandha tintwera fl-ordnijiet u fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi; billi, għal-hekk, ikun aħjar li jkun hemm definizzjoni tal-kunċett ta' prodotti jew klassi ta' prodotti kif użati fl-ordnijiet u fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi;

Billi ż-żewġ proċeduri msemmija fl-Artikolu 13(3) huma murija fid-dettal fl-Anness III tad-Direttiva 89/106/KEE; billi għal-hekk jeħtieġ li jintwerew b'mod ċar il-metodi li bihom iż-żewġ proċeduri għandhom ikunu implimentati, b'riferenza għall-Anness III, għal kull prodott jew klassi ta' prodotti peress li l-Anness III jagħti preferenza lil ċerti sistemi;

Billi l-proċedura li għaliha saret riferenza f'punt (a) ta' l-Artikolu 13(3) taqbel mas-sistemi msemmija fl-ewwel possibbiltà, mingħajr sorveljanza kontinwa, u t-tieni u t-tielet possibbiltà ta' punt (ii) tat-Taqsima 2 ta' l-Anness III, u l-proċedura msemmija f'punt (b) ta' l-Artikolu 13(3) taqbel mas-sistemi msemmija f'punt (i) tat-Taqsima 2 ta' l-Anness III, u fl-ewwel possibbiltà b'sorveljanza kontinwa, ta' punt (ii) tat-Taqsima 2 ta' l-Anness III;

Billi l-miżuri stabbiliti f'din id-Deċizjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Bini,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

L-attestazzjoni ta' konformità tal-prodotti msemmija fl-Anness I għandha tkun skond proċedura li biha, flimkien

[1] ĠU L 40, tal-11.2.1989, p. 12.
[2] ĠU L 220, tat-30.8.1993, p. 1.

mas-sistema ta' kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika mħaddma mill-manifattur, korp approvat ta' ċertifikazzjoni jieħu sehem fil-verifika u s-sorveljanza tal-kontroll tal-produzzjoni jew tal-prodott innifsu.

L-Artikolu 2

Il-proċedura għall-attestazzjoni ta' konformità, kif murija fl-Anness II, għandha tintwera f'ordnijiet għal standards armonizzati.

L-Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, l-24 ta' Ġunju, 1996.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Membru ta' l-Kummissjoni

L-ANNESS 1

ALLARM/SKOPERTA TA' ĦRUQ, TAGĦMIR FISS TA' TIFI TAN-NAR, KONTROLL TAN-NAR U TAD-DUĦĦAN U PRODOTTI TA' KONTRA SPLUŻJONI

— Kittijiet ta' sistemi għall-iskoperta ta' ħruq u allarmi ta' ħruq: kittijiet b'sistemi flimkien ta' skoperta u allarmi ta' ħruq, kittijiet b'sistemi ta' skoperta ta' ħruq, kittijiet b'sistemi ta' allarmi ta' ħruq, kittijiet b'sistemi ta' sejħa għal tifi tan-nar.

— Komponenti ta' sistema ta' skoperta ta' ħruq u ta' allarm ta' ħruq: *detectors* ta' duħħan, sħana u fjammi, tagħmir ta' kontroll u indikazzjoni, tagħmir li jwassal trasmissjonijiet ta' allarm, iżolaturi ta' ċirkuwitu qasir, tagħmir ta' allarm, provvisti ta' enerġija, tagħmir ta' input/output, postijiet għal sejħa ta' allarm b'tagħmir imħaddem b'idejn.

— *Detectors*/allarmi kompluti kontra d-duħħan.

— Kittijiet b'sistemi għat-trażżin u tifi tan-nar: sistemi ta' l-ewwel għajnuna b'manki kontra l-ħruq, sistemi ta' idrant għat-tifi tan-nar bix-xott jew bl-ilma, kittijiet b'sistemi ta' bexx jew raxx ta' l-ilma, kittijiet b'sistemi ta' tifi tan-nar bir-ragħwa, kittijiet b'sistemi ta' tifi tan-nar bi trab xott, kittijiet b'sistemi ta' tifi tan-nar b'gassijiet (magħduda sistemi ta' tifi tan-nar bis-CO_2).

— Komponenti ta' sistemi ta' trażżin u tifi tan-nar: idranti għat-tifi tan-nar, detectors/switches ta' ċirkolazzjoni ta' l-ilma, detectors/switches tal-pressa, idranti tal-ħitan, kolletturi ta' l-ilma, pompi għat-tifi tan-nar u settijiet ta' pompi, żennuni/bexxiexa/vitijiet ta' l-ilma.

— Kittijiet b'sistemi ta' kontra splużjoni.

— Komponenti ta' sistemi ta' kontra splużjoni: detectors, tagħmir ta' kontra l-interferenza, tagħmir ta' sinjal ta' kontra splużjoni, prodotti ta' għjnuna kontra splużjoni.

— Kittijiet bi stallazzjoni ta' kontrolli tan-nar u tad-duħħan: kittijiet b'sistemi ta' ventilazzjoni għal ħruġ ta' duħħan u sħana, kittijiet b'sistemi ta' pressa differenzjali.

— Komponenti ta' stallazzjoni ta' kontrolli tan-nar u tad-duħħan: purtieri kontra d-duħħan, regolaturi ta' l-arja, kanali, ventilaturi mekkaniżżati, ventilaturi naturali, pannelli ta' kontroll, pannelli ta' kontroll ta' emerġenza, provvisti ta' enerġija.

L-ANNESS II

KLASSI TA' PRODOTT

ALLARM/SKOPERTA TA' ĦRUQ, TAGĦMIR FISS TA' TIFI TAN-NAR, KONTROLL TAN-NAR U TAD-DUĦĦAN U PRODOTTI TA' KONTRA SPLUŻJONI (1/1)

Sistemi ta' attestazzjoni ta' konformità

Għall-prodott jew prodotti u l-użu maħsub għalihom imsemmija hawn taħt, il-Kumitat Ewropew ta' Standardizzazzjoni/Kumitat Ewropew ta' Standardizzazzjoni Elettroteknika (CEN/Cenelec) huwa mitlub li jispeċifika is-sistema jew sistemi li ġejjin ta' attestazzjoni ta' konformità skond standards armonizzati rilevanti:

Prodott/i	Użu/i maħsub/a	Livell/i jew klassi/jiet (Resistenza għan-nar) [1]	Sistema/i ta' attestazzjoni ta' konformità
Kittijiet għal stallazzjoni	Sigurtà minn nar		1 [2]
Skoperta/allarm ta' ħruq			
Kittijiet b'sistemi flimkien ta' skoperta u ta' allarm ta' ħruq:		—	
Kittijiet b'sistemi ta' skoperta ta' ħruq		—	
Kittijiet b'sistemi ta' allarm ta' ħruq		—	
Kittijiet b'sistemi ta' sejħa għat-tifi tan-nar		—	
Trażżin u tifi tan-nar			
Kittijiet b'sistemi ta' manki ta' l-ewwel għajnuna		—	
Idrant għat-tifi tan-nar bix-xott jew bl-ilma		—	
Kittijiet b'sistemi ta' bexx u raxx ta' ilma		—	
Kittijiet b'sistemi bir-raġwa		—	
Kittijiet b'sistemi ta' trab xott		—	
Kittijiet b'sistemi li fihom il-gass (magħduda sistemi li fihom CO_2)		—	
Ta' kontra splużjoni			
Kittijiet b'sistemi ta' kontra splużjoni.		—	
Stallazjonijiet ta' kontrol tan-nar			
Kittijiet b'sistemi ta' ventilazzjoni għall-ħruġ ta' duħħan u sħana		—	
Kittijiet b'sistemi ta' pressa differenzjali		—	
Detectors/allarmi kompluti kontra d-duħħan.		—	
Komponenti	Sigurtà minn nar		1
Skoperta/allarm ta' ħruq			
Detectors ta' duħħan, sħana u fjammi		—	
Tagħmir ta' kontroll u indikazzjoni		—	
Tagħmir għal trasmissjoni ta' allarm		—	
Iżolaturi ta' ċirkuwitu qasir		—	
Tagħmir ta' allarm		—	
Provvisti ta' enerġija		—	
Tagħmir ta' *input*/*output*		—	
Postijiet għal sejħa ta' allarm b'tagħmir imħaddem b'idejn		—	
Trażżin u tifi tal-fiss			
Idranti kontra n-nar		—	
Detectors/*switches* ta' ċirkolazzjoni ta' l-ilma		—	
Detectors/switches ta' pressa		—	
Idranti tal-ħitan		—	
Kolletturi ta' l-ilma		—	
Pompi għat-tifi tan-nar u settijiet ta' pompi		—	
Żennuni/bexxiexa/vitijiet ta' l-ilma		—	

Prodott/i	Użu/i maħsub/a	Livell/i jew klassi/jiet (Resistenza għan-nar) (1)	Sistema/i ta' attestazzjoni ta' konformità
Ta' kontra splużjoni			
Detectors		—	
Tagħmir ta' kontra l-interferenza		—	
Tagħmir ta' sinjal ta' kontra splużjoni		—	
Prodotti ta' għajnuna kontra splużjoni		—	
Kontroll tan-nar			
Purtieri kontra d-duħħan		—	
Regolaturi ta' l-arja		araD12	
Kanali		araD12	
Ventilaturi mekkaniżżati		—	
Ventilaturi naturali		—	
Pannelli ta' kontroll u pannelli ta' kontroll ta' emerġenza		—	
Provvisti ta' enerġija		—	

(1) Ara d-dispożizzjonijiet tad-Dokument ta' Interpretazzjoni Nru 2 u/jew 'Komplement orizzontali ta' l-ordnijiet ta' resistenza għan-nar'.
(2) Sistema 1: Ara l-Anness III, Taqsima 2, punt (i), tad-Direttiva 89/106/KEE, minghajr il-verifika tal-kontijiet ta' kampjuni.

L-speċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun tista' titħaddem ukoll fejn mhux meħtieġ li jkun magħruf kif intlaqgħat xi karatteristika, peress li mill-inqas fi Stat Membru wieħed biss jista' ma jkunx hemm obbligu legali għal dik il-karatteristika (ara l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/106/KEE u, fejn ikun applikabbli, il-klawsola 1.2.3 tad-Dokumenti ta' Interpretazzjoni). F'dawk l-każijiet il-verifika ta' din il-karatteristika m'għandhiex tkun imposta fuq il-manifattur jekk huwa ma jkunx jixtieq jiddikjara kif intlaqa' prodott f'dak ir-rigward.